Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2002

Numru 901/2002

**PULZIIJA**
**SPETTUR CARLO ELLUL**

**VS**

**MOHAMED SEF ALDEN DAG**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mohamed Sef Alden Dag, ta’ 25 sena, bin Sef Alden u Salha nee’ Dag imwieled is-Syria fl-24 ta’ April 1977 u joqghod ‘Dar il-Gnien’, Triq ir-Rumi, M’Scala, bil-karta ta’ l-identita’ numru 0019664 (A) jew/u passaport numru 951441/Tarhuma/15 ta’ Awissu 1991;

Talli fil-25 ta’ Gunju 2002 ghall-habta ta’ 1.55pm fid-Dipartiment ta’ l-I.T.U. ta’ l-Isptar San Luqa, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza

hafifa fuq il-persuna ta’ Dr. Frank Bartolo M.D., persuna inkarigata skond il-ligi minn sevizz pubbliku, waqt li kienet taghmel jew minhabba li kienet taghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra Dr. Frank Bartolo, M.D., persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

Ukoll talli fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi hebb kontra Dr. Frank Bartolo, M.D. sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara lilu jew lil haddiehor kemm il-darba il-fatt ma jkunx jaqa’ that xi dispozizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali;

Ukoll talli ghamel lil Dr. Frank Bartolo M.D., ingurji jew theddid mhux imsemmija fil-Kodici Kriminali, jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Wara illi rat l-Artikoli 95, 221(1), 96, 339(d) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imsemmi imputat, ma thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssibu hati ta’ kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Ghar-rigward tal-Piena, din il-Qorti qeghda tikkundannah ghall-hlas ta’ mitt lira maltin (Lm100) multa, u tilliberah bil-kondizzjoni li ma’ jikkommettix reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar (18) mil-lum, a tenur ta’ l-Artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------